I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

ADDENDUM

għar-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 272, tat-18 ta' Ottubru 2011)

Id-Dikjarazzjoni li ġejja hija miżjuda mar-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011:

DIKJARAZZJONI MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma konxji mill-importanza tal-għoti ta' informazzjoni preċiża lill-konsumaturi, b'mod partikolari meta l-prodotti jkunu mmarkati b'indikazzjoni tal-oriġini, sabiex huma jiġu protetti minn dikjarazzjonijiet frodulenti, impreċiżi jew qarrieqa. L-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħat-tikkettar elettroniku, inkluża l-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju, jista' jkun għodda utli biex tingħata tali informazzjoni filwaqt li jinżamm il-pass mal-iżvilupp tekniku. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex, meta tfassal ir-rapport skont l-Artikolu 24 tar-Regolament, tqis l-impatt tagħhom fuq ir-rekwiżiti ta' tikkettar ġodda possibbli, inkluż bil-għan li tittejjeb it-traċċabbiltà tal-prodotti.